**4 ta' Frar, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Alberto Magri B.A., LL.D.**

Dr. Alfred Sant M.P.

*versus*

Hector Bruno

## Malafama - Verità tal-Fatti - "*Fair Comment*"

*Ai termini ta' l-art. 12 tal-Kap 248 meta konvenut jassumi r-responsabbiltà kollha ta' malafama li tagħha huwa akkużat u jistrieħ fuq il-prova tal-verità tal-fatti attribwiti in diżimpenn tar-responsabbiltà tiegħu, iżda ma jipprovax il-verità tagħhom hu jkun ħati ta' malafama u fl-istess ħin id-difiża ta' "fair comment" ma tistax timexxi.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni pprezentata fl-1 ta' Settembru 1992 li biha l-attur wara li ppremetta illi l-konvenut, bħala editur tal-ġurnal "In-Nazzjon Tagħna" fil-ħarġa ta' l-istess ġurnal tat-Tnejn, 31 ta' Awissu, 1992, ippublika żewġ artikoli konnessi, wieħed fl-ewwel paġna tal-ġurnal, intestat "Nikteb u nikkwota" u l-ieħor fl-aħħar faċċata ta' l-istess ġurnal intestat "Alfred Sant ikkonferma li kiteb artikoli għall-Economist", li bihom ta malafama lill-istanti billi attribwielu fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama tiegħu u li jesponuh għar-redikolu u għad-disprezz tal-pubbliku; illi l-attur bħal parti offiża għandu dritt għad-danni kkontemplati

Il-Att dwar l-Istampa (Kap 248 tal-Liġijiet ta' Malta); talab li din il-Qorti:

1. tiddikjara illi l-istess konvenut ta malafama lill-istanti bl-istampat fuq imsemmi bil-għan li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tiegħu;

2. tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lill-attur dik is-somma li din il-Qorti tiddetermina f'ammont li ma jeċċedix elfejn lira bħala danni u riparazzjoni ta' l-inġurja morali u malafama li huwa sofra bil-pubblikazzjoni fuq imsemmija;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-konvenut li għandu jidher għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u id-dokument esebit mill-attur;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut ippreżentata fis-7 ta' Jannar, 1993 li permezz tagħha eċċepixxa illi miċ-ċitazzjoni ma hux ċar għal liema kliem jew frażijiet qed jirreferi l-attur, iżda in linea generali jingħad illi għal dawk li huma fatti, dawn huma veri u l-eċċipjent lest li jipprova l-verità tagħhom u għal dawk li huma kummenti, dawn jammontaw għal-"*fair comment*" fuq suġġett li huwa ta' interess pubbliku.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut.

Rat il-verbal ta' l-udjenza ta' l-1 ta' Marzu, 1993, meta l-konvenut iddikjara li fid-data tal-pubblikazzjoni tal-gazzetta in kwistjoni huwa kien l-editur tal-Ġurnal;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut

preżentata fl-udjenza ta' l-24 ta' Marzu, 1993 li permezz tagħha eċċċepixxa:

1. Illi l-artikolu in kwistjoni u b'mod speċifiku l-partijiet tiegħu li għalihom jillamenta l-attur huma magħmula minn kummenti u opinjoni ta' l-editur - li huwa intitolat jagħmel skond il-liġi u skond il-kostituzzjoni ta' Malta - bbażat fuq fatti li sostanzjalment humma korretti;

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, illi l-artikolu ma fih xejn inġurjuż;

Semgħet ix-xhieda ta' l-attur u dik tal-konvenut;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-kontendenti;

Rat il-verbal ta' l-udjenza ta' l-14 ta' Jannar, 1994, meta l-kawża ġiet imħollija għas-sentenza għas-seduta tal-lum;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Ittrattat il-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi fil-ħarġa ta' l-31 ta' Awissu, 1992 tal-gazzetta "In-Nazzjon Tagħna" dehru żewġ artikoli, wieħed fuq l-ewwel paġna taħt it-titolu "Nikteb u nikkwota" fejn ukoll ġie riprodott ir-ritratt ta' l-Onor. Dr. Alfred Sant, mexxej tal-Partit Laburista (indikat bħala Soċjalista fl-istess artikolu). L-ieħor fl-aħħar paġna taħt it-titolu "Alfred Sant ikkonferma li kiteb artikoli għall-"Economist". F'dawn l-artikoli, li huma intimament konnessi,

ġie riportat li Alfred Sant, f'intervista ma' "The Malta Independent" kien ikkonferma li għal diversi snin, sa meta laħaq Kap ta' l-Oppożizzjoni, kien il-korrispondent ta' Malta għall-"Economist Intelligence Unit" u li ġieli kiteb artikoli biex kienu ppublikati mill-istess grupp;

F'dawn l-artikoli ġie riportat ukoll li l-attur, matul ix-xahar ta' Awissu, kien ħareġ diversi stqarrijiet jikkwota mill-"Foreign Report", publikazzjoni ta' l-"Economist Group" li hija ukoll reponsabbli għall-"Economist Intelligence Unit" u li skond "The Malta Independent", l-attur kellu x'jaqsam mal-artikolu in kwistjoni. Dan sar, skond l-istess artikoli, biex l-attur ħoloq storja dwar is-sħubija ta' Malta fil-Komunità Ewropeja;

L-attur qed jilmenta illi dawn l-artikoli huma malafamanti billi jattribwulu fatti mhux veri u inoltre jallegaw aġir diżonorabbli, inkwantu hu għamel kapital politiku minn artikoli li kien kiteb huwa stess. B'dan il-mod, sostna l-attur, ġie espost għad-disprezz tal-pubbliku u ġiet attakkata l-integrità morali tiegħu. Infatti l-attur ċaħad li kien korrispondent ta' l-"Economist Intelligence Unit" u li kellu x'jaqsam mal-pubblikazzjoni magħrufa bħala "Foreign Report" imsemmija fl-istess artikoli. L-attur xehed li hu dejjem kiteb għal pubblikazzjoni intitolata "Country Report" li, għalkemm hija pubblikazzjoni ta' l-istess grupp, hija kompletament distinta u separata mill-pubblikazzjonijiet l-oħra msemmija. Għalhekk, skond l-attur, l-allegazzjoni li hu għamel użu minn artikoli li dehru f'din il pubblikazzjoni awtorevoli, u li allegatament kien kiteb huwa stess, sabiex jużahom f'kontroversja politika li kienet qed issir f'Malta, ma kinetx fondata;

Il-konvenut ippreżenta żewġ noti ta' eċċezzjonijiet. F'dik

originali tas-7 ta' Jannar, 1993, wara li osserva li mill-atti ma kienx jirriżulta ċar għall-liema kliem jew frażijiet qed jirreferi l-attur, kompla biex qal li "għal dawk li huma fatti, dawn huma veri u l-eċċipjent lest li jipprova **l-verità** tagħhom. Inoltre għal dawk li huma kummenti, dawn jammontaw għall- ***"fair comment"*** fuq suġġett li huwa ta' interess pubbliku;

B'dan il-mod, ai termini ta' l-artikolu 12 tal-Kap 248, il-konvenut assuma r-responsabbilità kollha ta' malafama li tagħha huwa akkużat u qed jistrieħ fuq il-prova tal-verità tal-fatti attribwiti in diżimpenn tar-responsabbilità tiegħu. Isegwi li jekk il-konvenut ma jipprovax l-verità ta' dak li hemm ikkontenut fl-artikoli ċċitati, indipendentement mill-fatt li dan jirrispekkja dak li ġie rriportat f'gurnal ieħor, hu, bħala editur tal-gazzetta in kwistjoni, jkun ħati ta' malafama u fl-istess ħin id-difiża ta' *fair comment* ma tistax tirnexxi billi tali kummenti jridu jkunu fuq fatti sostanzjalment veri;

Il-kovenut xehed li fi żmien li ħareġ l-artikolu in kwistjoni f'Malta kienet qed issir kampanja sħiħa dwar rapport li kien ġie ppublikat fil-"Country Report" ta' l-"Economist Intelligence Unit" li kienet tittratta s-sħubja ta' Malta fil-Komunità Ewropeja. Dan ir-rapport, kompla l-konvenut, kien semmih fil-pubbliku l-kap ta' l-Opposizzjoni cjoè l-attur odjern. Ġurnata minnhom dehret intervista fil-gazzetta "The Malta Independent" fejn l-istess attur kien ikkonferma li għal diversi snin huwa kien il-korrispondent ta' l-"Economist Intelligence Unit", liema soċjetà hija proprjetarja tal-gazzetta "The Economist". Minn dan ir-rapport il-konvenut intebaħ li kienu jirriżultaw żewġ fatti u cjoè:

(a) li Dr. Sant kien korrispondent u jikteb fl- "Economist Intelligence Unit" u

(b) li fl-istess ħin l-istess Dr. Sant kien jikkwota mir-rapporti li kien hemm f'din il-ħarġa;

Il-konvenut għalhekk irrileva dawn iż-żewġ fatti fit-titoli ta' l-artikoli in kwistjoni;

Irid jiġi rrilevat li l-attur qed jilmenta mill-fatt li dak li hu allegat fl-artikoli jirriferi għalih, fil-kapaċità tiegħu ta' Kap ta' l-Oppożiżżjoni. Infatti l-artikoli jindikaw lill-attur bħala Kap tal-partit Laburista u l-perijodu meta allegatament ikkwota u għamel użu mill-artikoli fil-gazzetta "Foreign Report" kien wara li beda jokkupa din il-kariga. Huwa għalhekk irrilevanti x'kien jagħmel l-attur qabel id-data tal-ħatra tiegħu f'dik il-kariga;

Il-Qorti ma tarax ir-rilevanza, għall-fini tal-malafama, ta' jekk l-attur kien effettivament korrispondent ta' gazzetta jew oħra ta' l-"Economist Group", stante li l-attur, fid-data tal-pubblikazzjoni in kwistjoni, ma kienx korrispondent ta' ebda waħda mill-pubblikazzjonijiet ta' l-istess grupp. Iżda l-allegazzjoni li l-attur kien korrispondent u fl-istess ħin għamel użu mill-artikoli tiegħu stess sabiex isaħħaħ l-argumenti tiegħu fil-kamp politiku lokali hija ċertament malafamanti billi tixħet dell fuq il-kredibbilità ta' l-attur sew fil-kamp politiku kif ukoll fl-integrità tiegħu bħala ġurnalist;.

Fl-artikolu ta' "The Malta Independent", li l-konvenut juża għall-iskopijiet tiegħu, hemm riportat li l-attur waqaf jaġixxi bħala korrispindent meta nħatar Kap ta' l-Opposizzjoni. Din l-istqarrija però, ma kinetx biżżejjed għall-konvenut. Iżda dan, minflokk li għamel il-verifiki meħtieġa sabiex jistabilixxi l-fatti veri tal-każ, straħ fuq kumment fl-intervista riportata f'"The Malta Independent" fejn ġie allegat li l-attur odjern "seta' kellu

x'jaqsam miegħu" cjoè ma' l-artikolu li deher fil-"Foreign Report". Inoltre mill-kuntest ta' l-artikoli, meħudin fl-assjem tagħhom jidher, ċar li l-intenzjoni tal-konvenut kienet proprju dik, u cjoè li jgħid u jġib għall-attenzjoni tal-pubbliku li l-attur kien effettivament qed jagħmel użu minn kontribuzzjoni tiegħu stess;

L-allegazzjoni tal-konvenut hija waħda serja u kienet timmerita investigazzjoni aktar profonda, tenut kont tal-kontroversja li kienet għaddejja f'dawk iż-żminijiet u l-posizzjoni ta' l-istess attur. L-anqas li seta' jagħmel il-konvenut kien li jikkomunika ma' l-attur u jitolbu jikkonferma, jiċħad jew jagħmel kjarifika fuq dak li kien hemm riportat fil-gazzetta "The Malta Independent". Dan però ma jirriżultax li għamlu u lanqas ma jirriżulta li għamel xi investigazzjoni oħra li setgħet twassal għall-verità tal-fatti. Hu straħ fuq dak li ġie rapportat u ġibed il-konklużjonijiet tiegħu;

Issa biex il-konvenut jirnexxi fid-difiża tiegħu u wkoll ikun ġustifikat fil-kumment tiegħu dwar l-attur, dan kellu jipprova li l-attur kien effettivament korrispondent ta' l-"Economist Intelligence Unit", jew xi pubblikazzjoni oħra msemmija fl-istess artikolu u li kien iżomm din il-kariga waqt li hu kien Kap ta' l-Opposizzjoni. Dan però ma għamlux. Għall-kuntrarju llum għandna ċ-ċaħda kategorika ta' l-istess attur għal dak li ġie allegat mill-istess konvenut. Għalhekk il-Qorti ssib li hu ħati ta' malafama u konsegwentement japplikaw għalih is-sanzjonijiet ta' l-artikolu 28 tal-Liġi dwar l-Istampa;

Ma hemmx dubbju li, l-informazzjoni kkontenuta fl-artikoli lmentati hija ta' interess pubbliku u li jekk vera, tixħet dell ikraħ fuq l-integrità ta' l-istess attur. Bl-istess mod jingħad li jekk l-allegazzjoni ma kinetx vera, bħal ma rriżulta miċ-ċaħda ta' l-

istess attur, l-unur u l-isem tajjeb ta' l-attur ġew immakkjati b'tali mod li tikkwalifika bħala malafama fi grad għoli. Il-Qorti konsegwentement tiffissa l-kumpens li għandu jitħallas mill-konvenut lill-attur fis-somma ta' tmien mitt lira maltija (Lm800);

Għar-raġunijiet fuq mogħtija l-Qorti filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attriċi, tiddikjara li l-konvenut ta malafama lill-attur bil-għan li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tiegħu, tillikwida l-kumpens ai termini ta' l-artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Liġijiet ta' Malta fis-somma ta' tmien mitt lira maltija (Lm800), u konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenut iħallas din is-somma lill-attur bl-imgħax legali mil-lum;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut.